TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 127/21/F

**Carmelo u Ethelberta Gatt**

**vs**

**Borvin Holdings Limited**

Illum, 3 ta' April, 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar it-28 ta' Lulju 2021;

Ra li minkejja li ġiet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba nhar it-22 ta' Settembru 2021, l-azjenda intimata naqset milli tippreżenta Risposta kif ukoll naqset milli tidher għall-ebda mis-seduti mizmuma;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrenti bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati.

**Ikkonsidra:**

Illi fl-Avviż tat-Talba, ir-Rikorrenti indikaw is-somma ta' seba mitt Euro (€700.00) bħala valur tat-Talba, liema somma hija rappreżentanti l-prezz ta' ħġieġa partikolari tad-*double glazing* suplita mill-azjenda intimata

Illi fix-xhieda tagħha bil-ġurament, ir-Rikorrenti Ethelberta Gatt spjegat li lura fis-sena 2013, hija u żewġha ordnaw xi aperturi tal-aluminju mingħand l-azjenda intimata, liema aperturi kienu armati bi ħġieġ *double glazing*. Fis-sena 2021, ħġieġa minnhom bdiet tiżviluppa *condensation* u meta x-xhud kellmet lill-azjenda intimata dwar dan bil-mira li tinstab soluzzjoni, ir-risposta li ħadet kienet ta' rifjut assolut li tinbidel il-ħġieġa;

Illi ir-Rikorrenti ippreżentaw ukoll ċertifikat ta' garanzija maħruġ mill-azjenda intimata stess mal-konsenja li kjarament jindika li hemm "*10 years guarantee on double glaze glass against condensation*". Għalhekk, minkejja li ħġieġa in kwistjoni ġiet konsenjata fis-sena 2013 – tmien snin qabel il-preżentata tal-proċeduri odjerni – a forza tal-garanzija kummerċjali mogħtija mill-azjenda intimata, il-garanzija għada veljanti u għalhekk l-azzjoni tar-Rikorrenti hija legalment proponibbli;

Illi inoltre, l-Artikolu 74(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jtenni li *"fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt [...]"*;

Illi jirriżulta għalhekk li dak li qed jitolbu r-Rikorrenti jinkwadra fil-parametri tad-drittijiet legali tagħhom bħala Konsumaturi.

Illi t-Tribunal iqis li li r-Rikorrenti rnexxielhom jippruvaw il-każ tagħhom skont il-liġi;

Illi intant, bin-nuqqas tagħha li tidher fis-seduti u tressaq provi, l-azjenda intimata effettivament naqset milli tikkontesta l-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-Rikorrenti u dan minkejja li kellha kull opportunità li tagħmel dan li kieku riedet.

**Deċċiżjoni**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jiddikjara li t-tieqa in kwistjoni hija afflitta minn difetti ossija nuqqas ta' konformità, jikkundanna lill-azjenda intimata sabiex tħallas lir-Rikorrenti s-somma ta' seba mitt Euro (€700.00) fi żmien ġimgħa.**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu a karigu tal-azjenda intimata.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***